MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2007

Talba Numru. 332/2007

**Maltacom Plc**

**Vs**

**Kam Caterers Co Ltd**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-12 ta` April, 2007, in forza ta` liema ntalab illi s-socjeta` konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta` mija u disgha u sebghin lira u disgha u erbghin centezmu (Lm 179.49), rapprezentanti ammont li ghadu dovut in konnessjoni mas-servizz tat-telefon bin-numru 21583401 u 21582131, kif jidher minn dokument anness ma` l-istess avviz u mmarkat bhala Dok. A.

Bl-ispejjez u l-imghax kontra s-socjeta` konvenuta.

Gie notat li s-socjeta` konvenuta ghalkemm legalment notifikata baqghet ma pprezentat ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba attrici.

Sema` x-xhieda ta` l-Avukat Dr. Zammit Young li bil-gurament taghha kkonfermat li l-ammont kien ghandu dovut sa l-gurnata ta` llum.

Gie notat li s-socjeta` konvenuta naqset li tipprezenta ruhha ghas-seduta ta` llum biex tikkontesta t-talbiet attrici.

Ezamina d-dokument ezebit a fol. 2 sa 7 tal-process.

It-Tribunal qieghed ghalhekk jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa` t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallasha ghas-somma mitluba ta` mija u disgha u sebghin lira u disgha u erbghin centezmu (Lm 179.49), bl-imghax legali dekorribbli mit-12 ta` April, 2007 u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza a karigu tas-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------